MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# MFSA WARNING

## Stocksbtc - https://stocksbtc.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li qegħda topera bl-isem ta' "stocksbtc", u li tuża is-sit elettroniku https://stocksbtc.com/ u li, skont informazzjoni disponibbli lilha, jidher li qed toffri servizzi ta' investiment u/jew servizzi finanzjarji oħra lill-konsumaturi.

"Stocksbtc" tindika li qed topera minn Dragonara Business Centre, Triq Dragonara, San Ġiljan, Malta, għalkemm l-MFSA tifhem li "stocksbtc" filfatt mhix preżenti f'dan l-indirizz.

"Stocksbtc" tallega fuq is-sit tagħha li hija regolata mill-MFSA bin-numru ta' reġistrazzjoni 2017/871. Din id-dikjarazzjoni hija falza u m'hemmx ebda entità reġistrata mal-Awtorità bl-isem "stocksbtc" u lanqas bin-numru ta' reġistrazzjoni 2017/871.

L-MFSA tixtieq tavza lill-pubbliku f'Malta u barra, li Stocksbtc" **MHIX** liċenzjata jew awtorizzata b'ebda mod ieħor mill-MFSA biex tipprovdi l-ebda tip ta' servizz finanzjarju f'Malta jew minn Malta, li għalih hija meħtieġa li tkun liċenzjata jew awtorizzata skont il-liġi Maltija.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 03-2018**
**5 ta' April 2018**